ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

ĊIR AKL 95/2017 - Għeluq ta' Toroq

Lis-Sindki,
Viċi Sindki, Kunsilliera,
Segretarji Eżekuttivi,

Għeżież Kollegi,

Nixtieq niġbed l-attenzjoni dwar meta jingħata permess għal *crane* jew makkinarju ieħor fit-toroq.

Qed jiġi nnutat li kultant jingħataw permessi f' ċertu toroq dojoq li fuq il-permess maħrug ikun indikat li m'hemmx ħtiega li tingħalaq it-triq, dan meta l-aċċess tat-triq ikun ridott immens.

Ikun apprezzat jekk wieħed jimxi b' loġika u jekk ikun meħtieġ li tingħalaq it-triq dan isir u jiġu mitluba l-pulizija jew gwardjani lokali skont il-ħtiega.

Grazzi u tislijiet,

Mario Fava
President

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA
**Local Government Building,**
**Local Government Road,**
**Marsa, Malta**
**Tel: +35625968000**
**E: lca@lca.org.mt**

| Kunsill Lokali | Kumment |
|---|---|
| **Birkirkara** | Qed ikun hemm problema meta l-Kunsill jiġi biex jibbukja gwardjani lokali. Dan għaliex id-dati pprovduti jkunu fil-bogħod u xi drabi tkun diffiċli li jkun hemm komunikazzjoni mal-kumpanija. Dan qed iwassal għal dewmien biex il-klijent jiġi moqdi. Huwa ferm inġust li l-Kunsill jaqla' krittika fuq affarjiet li m' għandux kontroll fuqhom u minħabba n-nuqqas ta' effiċċjenza ta' entitajiet oħra. L-appell tal-Kunsill huwa li jitnaqqas dan il-ħin ta' stennija għall-klijent u jitjieb is-servizz. |
| **Isla** | Kien hemm qbil mal-kummenti li għaddew il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara |
| **Gżira** | Għal żmien twil ilhom jilmentaw fuq il-fatt li hemm kuntratturi li qegħdin jaqgħilu t-toroq mingħajr permess u meta l-Kunsill jibgħat gwardjan lokali fuq il-post ma jsir xejn ħlief forsi li tingħata ċitazzjoni. Ikun hemm ukoll okkżżjonijiet li ijingħalqu toroq mingħajr ma jkun hemm gwardjan jew uffiċċjal ta' TM. Qed ikun diffiċli li l-Kunsilli jikkomunikaw ma' l-Awtoritajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ta struzzjonijiet li permessi ta' dan it-tip ma joħorġux biex jibda xogħol qabel id-9am. Hemm problemi ta' infurzar. |
| **Żurrieq** | Saħqu fuq il-fatt li minħabba d-dewmien biex jibbukjaw gwardjan lokali jew biex jagħmlu kuntatt ma' l-Awtorita' ħafna mill-klijenti jilħqu jitlqu u jmorru jaħdmu bla permess. |
| **Kirkop** | Il-Kunsill qed jidher ikrah kemm mal-kuntratturi kif ukoll mar-residenti meta l-Kunsill m'għandux kontroll fuq dan id-dewmien. |
| **Mosta** | L-istess kumment fejn hemm nuqqas ta' gwardjani li jistgħu jiġu assenjati għalhekk qed ikun hemm dewmien. |

| | |
|---|---|
| **Msida** | Ta' kuljum qed ikollna kuntratturi li jippretendu li jinħareġ permess biex ikunu jistgħu jaħdmu u minħabba d-dewmien biex jiġi allokat gwardjan lokali dawn jispiċċaw jilmentaw mal-Kunsill. Hemm bżonn ta' aktar nies li jkunu jistgħu jikkontrollaw it-traffiku meta tingħalaq xi triq biex is-sigurta tar-residenti u s-sewwieqa tiġi osservata. |
| **Rabat** | Mhuwiex aċċettabli li kuntrattur jew resident jiġi jagħmel permess u l-ewwel data għas-servizz tal-gwardjan tkun bejn ġimgħatejn jew tlieta wara. Konsegwenza ta' dan qed jiżdiedu n-nies li jagħmlu xogħlijiet bla permess. |
| **Marsa** | Is-servizz ta' gwardjani lokali u tal-pulizija ma jeżistix ġewwa l-Marsa. Lanqas pulizija fl-għassa m'hemm biżżejjed minħabba li hu distrett kbir. |
| **San Ġiljan** | Ikkonfermaw li f' din il-lokalita' hemm l-istess problemi li diġa ssemmew. |
| **Balzan** | Ikkonfermaw li f' din il-lokalita' hemm l-istess problemi li diġa ssemmew. |
| **Iklin** | Ikkonfermaw li f' din il-lokalita' hemm l-istess problemi li diġa ssemmew. |
| **Pieta** | Il-problema hija waħda komuni u spissa li ijlha għaddejja għal diversi xhur. Huwa ferm diffiċli li tikkomunika bit-telephone ma' l-Awtorita' kkonċernata u wisq inqas tinqeda bis-servizz tal-pulizija. Dan qed iwassal għal nuqqas ta' servizz li qed jiġi offrut liċ-ċittadin. Nappellaw li din il-problema trid tiġi indirizzata mill-aktar fiss għax barra dan kollu qed toħloq pressure żejjed fuq il-ħaddiema tal-Kunsill. |